XIĦA: Qatt qabel ma kellek f'idejk il-qronfol tiegħi.

TONI: Xi jrid ikun. **(Ċekċik ta' flus)** Daqshekk biżżejjed?

XIĦA: Kulma tagħtini int, sinjur, dejjem biżżejjed. Issa tara kif iġibulek ir-riżq. Mur bis-sliem.

TONI: Ma tantx niżilli kliemha li, kieku setgħet, kienet tħawru bl-oħla għasel li hawn fid-dinja. Ma kontx naf x'sa naqbad nagħmel bih dak il-qronfol aħmar nar. Diġà kont waħħaltha f'rasi li narmih il-baħar, meta biswit il-lukanda lmaħt lil Marie b'libsa chic fuqha u b'velu fuq rasha nieżel ma' wiċċha u mitfugħ fuq spalla waħda biex jiddendel għal wara daharha. Id-dehra tagħha saħħritni. Qsamt it-triq. Kontessa Walewska, kemm qed nieħu gost narak mill-ġdid.

MARIE: Agħmilli pjaċir; sejjaħli b'ismi.

TONI: X'ġiebek darb'oħra f'Napli?

MARIE: Issa ma fadalli 'l ħadd fid-dinja. Żewġi u missieri mietu.

TONI: Jekk trid tista' tmur tilħaq lil Napoleon. Għadu fi triqtu għal Elba. Se joqgħod ftit hemmhekk, imbagħad se jmur Sant'Elena.

MARIE: Taħseb li kien iħobbni? Jew li jien kont inħobbu?

TONI: Kieku għala tlaqt kollox għalih?

MARIE: Huwa kien jintilef għal kull mara li jiltaqa' magħha, u lili kien għoġobni għax ħsibtu ġenju.

TONI: Għadek m'għidtlix x'ġiebek f'Napli. Ma weġbitnix mill-ewwel. Qalbet għajnejha suwed tuta fuqi.

MARIE: Mhux aħjar inpoġġu bil-qiegħda?

TONI: Inpoġġu. Għandi dan il-qronfol għalik.

MARIE: Ton, ma kienx għalija. Ma kontx taf li sa tiltaqa' miegħi. Għidli għal min xtrajtu?

TONI: Għal ħadd; imma la ltqajt miegħek tiegħdu int.

MARIE: Grazzi. Tassew qronfol sabiħ.

TONI: Għadni bil-kurżità ta' qabel. Għalfejn ġejt hawn? Jew forsi xi ħaġa sigrieta u ma tixtieqx tgħidli? Qabel ma wieġbet, serrħet idha fuq idi. Imbagħad b'leħen kalm qaltli:

MARIE: Emminni dak li sa ngħidlek. Fittixt narġa' lura bit-tama li nilħqek.

TONI: Ridt tgħidli xi ħaġa?

MARIE: Ma ndunajtx li kif rajtek l-ewwel darba nġbidt għalik?

TONI: Qiegħda tgħidli bis-serjetà?

MARIE: Ma ndunajtx li meta mar id-dawl qbadt miegħek mhux






# Għaliex għandu jkollok kont kurrenti magħna?

Ibda biex, kull ħlas li jkollok tista' tagħmlu b'ċekk — b'hekk m'għandekx għalfejn iġġorr ħafna flus fuqek u jekk tibgħat ċekk bil-posta lil min trid tħallas tiffranka li tistenna fil-kju.
Il-Bank jagħtik "statements" ta' sikwit biex b'hekk dejjem tkun taf fhiex inhu l-kont tiegħek. Barra minn hekk, tingħata wkoll pariri finanzjarji. Ħaġa mill-eħfef tiftaħ kont kurrenti magħna. Ejja l-uffiċċju tagħna. Aħna lesti biex naqduk.

**Lombard Bank (Malta) Limited**
Lombard House, Republic Street, Valletta.
Tel: 620631/2, 620443. Telex: MW 379.

Lombard Bank (Malta) Limited huwa membru tan-'National Westminster Bank Group' b'Kapital u Riserva li jaqbżu £1,300,000,000 Sterling.